MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 36/2008

**Il-Pulizija**
**(Maggur Noel Scicluna)**
**Vs**
**Raymond Cutajar**
**Omissis**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita' tieghu ta' direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta' Kidsline Ltd (25614), b'ufficju registrat 3, Dun Miju Zarb Street, Zebbug, Malta, u/jew bhala l-persuna li kien inkarigat mill-istess socjeta' sabiex ihallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas il-pagi kollha lill-persuni ndikati fil-prospett anness fl-ammonti hemm indikati

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Jannar, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 5, 15 u 45 tal-kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal multa ta’ mitejn u tlieta u tletin Euro (€ 233.00).
Il-Qorti ordnat lill-istess appellant ihallas lil Charmaine Cassar l-ammont ta’ € 3,529.30, lil Maria Rosaria Vento l-ammont ta’ € 526.44, lil Donnalise Formosa l-ammont ta’ € 936.41, lil Josepha Cascun l-ammont ta’ € 5,183.76, lil Justin Cascun l-ammont ta’ € 5,547.10, lil Marion Cassar l-ammont ta’ € 1098.14, lil Marthese Cassar l-ammont ta’ € 1,407.13 u lil Maria Attard l-ammont ta’ € 1,684.86, u dawn kollha bhala pagi dovuti lilhom.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta’ Frar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassaraha w tirrevokaha limitatament ghal dak li jirrigwarda s-sejba ta’ htija ta’ l-appellant fir-rigward tal-kundanna ta’ hlas tas-somom ta’ LM 2225.39 u LM 2381.37 riferibilment ghal Josepha w Justin Cascun rispettivament u tikkonfermaha ghal bqija biex b’hekk din il-Qorti tillibera lill-istess appellant mill-effetti tas-sentenza appellata fir-rigward tas-somom ta’ LM 2225.39 u LM 2381.37 riferibilment ghal Josepha w Justin Cascun rispettivament u ghalhekk limitatament ghal dawn il-kazijiet biss, tillibera l-imsemmi appellant minn kull htija, piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tal-lum tal-enforcement officer fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali w Impjiegi, Ivan Spiteri Lucas, kif ukoll taz-zewg impjegati Justin u Josepha ahwa Cascun li ddeponew dwar il-bilanc li huwa dovut lilhom.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu illi l-unika kontestazzjoni f'dan l-appell tirrigwarda biss il-kazijiet tal-ahwa Cascun.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi mhux kontestati li jingiebu quddiem din il-Qorti, jirrizulta propju li l-ahwa Justin u Josepha Cascun ghandom jiehdu s-sommom indikati fis-sentenza appellata w dana peress illi ghamlu zmien twil u cioe' minn Settembru tas-sena 2005 sas-17 ta' Frar, 2006, meta l-kumpanija Kidsline Limited issospendiet l-operazzjonijiet taghha, ma jithallsux tax-xoghol li kienu qed jaghmlu fid-diversi karigi li kienu jokkupaw.

Illi kontra din il-prova guramentata ma ngabet ebda prova minn naha tad-difiza w ghalhekk din il-Qorti m'ghandha ebda raguni ghaliex ma toqghodx fuq id-deposizzjoni tal-ahwa Justin u Josepha Cascun dwar l-ammonti lilhom dovuti.

Ghalhekk l-appell fic-cirkostanzi mhux talli jidher infondat imma kwazi jirrazenta l-appell fieragh.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------